MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 910/2001/1

**Charles Gauci**

**vs**

**Emanuel Abela u Lantana Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din

il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Ihallsu s-somma ta' LM2052.50,0 (elfejn u tnejn u hamsin liri Maltin u hamsin centezmu), rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar (Dok. A) ghal xoghol ta' katusi tal-ilma u d-drenagg li l-attur ghamel fuq struzzjonijiet taghhom gewwa St. Paul's Court, Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament tigi eccepita l-intempestivita ta' din l-azzjoni stante li x-xoghol kommissjonat lill-attur ghadu mhux kompletat u allura l-hlas mhux dovut;

2. Illi wkoll in linea preliminari, Emanuel Abela proprio ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa dejjem agixxa ghan-nom ta' kumpanija, u l-attur kien jaf b'dan;

3. Illi fl-istadju inizjali tal-kawza l-attur ghandu jiddikjara jekk huwiex ser jikkompleta l-appalt lilu mghoddi mis-socjeta' konvenuta u accettat minnu;

4. Illi bla pregudizzju ghal dawn, parti mix-xoghol kompletat, cioe' fix-shafts, ma sarx skond l-arti u s-sengha;

5. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li ghax-xoghol li sar s'issa, l-ammont mitlub mill-attur huwa ghola minn dak li jkun gustament dovut lilu skond il-ftehim ta' l-appalt;

6. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu premess, il-konvenuti m'ghandhom qatt ibaghtu l-ispejjez ta' din il-procedura jew l-interessi stante dak li hu premess fl-ewwel eccezzjoni, oltre li sa minn qabel inbdew dawn il-proceduri l-konvenut nomine kien offra bla pregudizzju hlas ekwivalenti ghax-xoghol kompletat, u l-attur irrifjutahom;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur kien ingaggat mill-konvenuti biex jaghmel ix-xogholijiet ta' dranagg, dawl u ilma fil-fond "St. Paul's Court", Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar, proprjeta' ta' l-istess konvenuti;

2. Illi l-istima ppreparata mill-attur, li tidher a fol 16, giet accettata u l-konvenuti taw lill-attur struzzjonijiet biex jibda' x-xogholijiet necessarji;

3. Illi jidher pacifiku wkoll li l-partijiet ftehemu li wara li l-attur ikun effettwa kwantita' ta' xoghol kellu juri l-kontijiet lill-konvenuti biex dawn ikunu jistghu jeffettwaw xi pagamenti li permezz taghhom l-istess attur ikun jista' jkompli x-xogholijiet li kellhom isiru;

4. Illi fil-fatt jidher li hekk sar u effettivament il-konvenuti ghaddew zewg pagamenti ta' elf Lira Maltija, (LM1,000.00,0), il-wahda lill-attur;

5. Illi meta l-attur ipprezenta t-tielet sett ta’ kontijiet dan ma thallasx;

6. Illi fil-frattemp dahlet terza persuna li anke flimkien ma l-attur effettwat analizi tax-xogholijiet li saru u ta’ dawk li kien ghad baqghalhom jigu konkluzi;

7. Illi stante li l-partijiet baqghu ma ftehmux l-attur kellu jirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi r-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna tiddependi biss mill-ftehim li sar bejn il-partijiet u kwalunkwe intromissjoni ta’ terzi hi biss manuvra biex ittawwal il-konkluzjoni tal-vertenza bejn l-istess partijiet;

Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuti qatt ma gew ipprovati u konsegwentement din il-qorti qed tirrespingihom;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-bilanc mitlub mill-attur hu wiehed dovut unikament u esklussivament “ghal xoghol ta’ katusi tal-ilma u drenagg li l-attur ghamel fuq struzzjonijiet tal-konvenuti”;

Illi ghalhekk l-istedina tar-rapprezentant legali tal-konvenuti li l-qorti tanalizza li dan l-ammont jikkomprendi affarijiet ohra hi wkoll respinta;

Illi in oltre din il-qorti hi sodisfatta li l-attur hadem in bona fede u skond il-ftehim bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Emanuel Abela u Lantana Company Limited biex ihallsu l-ammont ta’ elfejn u tnejn u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM2,052.50,0), lill-attur Charles Gauci, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta’ l-ittra ufficjali tas-16 t’Ottubru tas-sena 2001.”

Minn din id-decizjoni appella kemm il-konvenut personalment kif ukoll is-socjeta` konvenuta bl-aggravji li qed jigu hawn taht sintetizzati:-

i. Is-sentenza li permezz taghha l-ewwel Qorti irrifjutat l-eccezzjonijiet kollha sollevati kienet nieqsa mill-motivazzjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni;
ii. L-ewwel Qorti ma ndirizzatx kif jixraq l-eccezzjonijiet dwar l-intempestivita` ta' l-azzjoni, il-fatt li x-xoghlijiet baqghu nkompletati jew mhux ezegwiti skond l-arti u s-sengha u l-ftehim dwar il-modalita` tal-hlas ghall-appalt;
iii. L-ewwel Qorti akkordat hlas lill-attur ghal xoghlijiet li jmorru oltre dak minnu domandat fl-att promotur. Dan fuq il-motiv illi s-somma approvata, kienet tinkludi xoghol ta' plastering/painting u spiza ta' karretta meta invece l-attur kien qed jitlob bilanc "ghal xoghol ta' katusi ghall-ilma u d-drenagg";
iv. L-ewwel Qorti ma apprezzatx bir-reqqa l-fatt tad-divergenza bejn il-kontendenti dwar il-kejlijiet u zbalji matematici li kienu f'kull kaz jimmeritaw aggustament fil-kontijiet mitluba.

A prima vista din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju jista' jkun fondat u ghalhekk certament jimmerita approfondiment.

Issa hu minnu, u din il-Qorti dan tirrikonoxxieh, illi l-kawzi f'gurisdizzjoni inferjuri jigu trattati sommarjament sa fejn kompatibbli ma' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Dan pero` ma ghandux ifisser illi l-gudizzju dwarhom jigu hu wkoll trattat u konfezzjonat sommarjament u minghajr id-debitu harsien ta' dawk l-elementi essenzjali li jsawwru l-istess gudizzju. Meta jsir dan il-gudizzju jigi destitwit minn dak il-principju tar-rigur procedural sancit fl-Artikolu 218 tal-Kap 12, fejn jezigi illi "fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw <u>ir-ragunijiet</u> li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-<u>eccezzjonijiet tal-konvenut</u>".

Huwa indubbju illi l-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-disposittiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat. (**Vol XXX pI p131**; **Vol XLII pI p287**)

B'aktar precizazzjoni "per riconoscere il vero portato di una sentenza occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale e` anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato, e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo` essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono". (**Vol XXIV pI p157**)

Applikat dan it-taghlim ghal kaz in ezami filwaqt li jigi notat illi fil-parti operativa tas-sentenza l-Qorti irrespingiet l-eccezzjonijiet sollevati, eppure meta tigi ezaminata l-parti razzjonali ta' din l-istess sentenza ma nsibu l-anqas minimu accenn jew raguni wahda il-ghala l-Qorti kienet qed tirrespingi wkoll l-eccezjoni illi l-kontrattazzjoni saret mal-kumpanija konvenuta u mhux mal-konvenut personalment.

Huwa minnu li l-Qorti ikkundannat flimkien iz-zewg konvenuti pero` l-istess Qorti mbaghad ma tatx raguni il-ghala kienet qed tiddeciedi hekk. Il-Qorti thossha mbaghad aktar preokkupata dwar dan in-nuqqas meta tosserva li l-istess attur appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu jkompli jghid illi l-istruzzjonijiet lilu nghataw personalment mill-konvenut Abela u ma ngiebu l-ebda provi li juru illi hu gie mqabbad jaghmel xoghlijiet mill-kumpanija jew mill-konvenut Abela ghan-nom tal-kumpanija. Hemm imbaghad il-fatt ta' l-ittra ufficjali (fol 47) li intbaghtet mill-attur lill-kumpanija biss u mhux ukoll lill-konvenut in veste personali. Ciononostante hu opta li jharrek kemm lil Abela personalment kemm lill-kumpanija Lantana Company Limited.

Certament li dan kollu, fid-dawl tal-eccezzjoni moghtija, kien jimmerita kumment u li wiehed jissofferma dwaru b'ragjonament konsentit. Dan, multo magis, meta l-istess attur appellat, kif gja muri, baqa' jeskludi lill-kumpanija mill-kontrattazzjoni li saret.

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi biex jista' jinghad illi l-vot ta' l-Artikolu 218 jista' jitqies sodisfatt u adempjut, il-premessi tad-dispositiv riedu jikkomprendu, bil-klliem li jkun uzat, ghallanqas implicitament, anke jekk mhux dettaljatament, ic-cahda ta' l-eccezzjoni 'de qua'. (Ara **Vol XXXIII pII p344**). Il-Qorti ma tistax taqbel li fil-kaz in ispecie l-kliem generiku adoperat fid-dispositiv ghandu jitqies sufficjenti biex jista' jinghad li b'daqshekk l-ewwel Qorti idderimiet ukoll, dejjem in referenza ghall-artikolu tal-ligi surreferit, l-eccezzjoni partikolari sollevata.

Il-Qorti ghalhekk issib illi s-sentenza tiddifetta minn element essenzjali billi palezament, fil-kuntest hemm trattat, mhiex konformi mal-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza billi din in bazi ghall-konsiderazzjoni suesposta, ma nghatatx a tenur ta' l-Art. 218 tal-Kap 12. Tirrinvija ghalhekk l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-konsiderazzjoni tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellanti u biex il-kaz jigi trattat u nvestit kif jixraq.

In vista tac-cirkostanzi partikulari l-ispejjez s'issa nkorsi taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------